MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 151/2012

**Alfred Vella u Mary Vella**
**vs**
**Carmelo sive Charles Micallef u**
**Maria Dolores sive Doris Micallef**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-konjugi Carmelo u Maria Dolores Micallef li talbu li l-proceduri ta' subbasta numru 106/2011 jigu mwaqqfa peress illi t-titolu ezekuttiv ventat fil-konfront taghhom mill-konjugi Alfred u Mary Vella, qed jigi attakkat. Huma qed igibu zewg ragunijiet ghal dan cioe illi l-ammont pretiz mill-kredituri hu eccessiv u fit-tieni lok, it-titolu pretiz mill-kredituri mhuwiex wiehed ezekuttiv ai finijiet tal-artikolu 256 tal-Kapitolu 12 u illi biex isir ezekuttiv irid fl-ewwel lok jigi dikjarat hekk mill-Qorti wara li jsiru l-proceduri appoziti.

Il-kredituri konjugi Vella qed jilqghu billi jallegaw illi t-twaqqif tal-irkant ma jistax isir peress illi ma gewx imhallsa d-drittijiet tar-Registru ghal tali twaqqif. Fil-verbal quddiem il-Qorti tas-27 ta' Frar 2012 din l-eccezzjoni giet irtirata mill-intimati.

Inoltre qed jigi eccepiet illi mhux minnu illi d-debituri ghamlu xi hlasijiet kif qed jigi allegat.

Fil-mertu qed jallegaw illi l-kredituri Vella ghandhom titolu ezekuttiv fil-konfront taghhom kif surrogati fid-drittijiet tal-bank HSBC skond il-kuntratt tal-24 ta' Settembru 2004 a fol. 10 et seq. tal-process.

Il-Qorti tqis li dan il-kuntratt hu l-perm tal-kwistjoni u li a bazi tieghu saret l-ittra ufficjali tal-20 ta' April 2010 (fol. 16 tal-process) biex tirrendi dan il-kuntratt ezegwibbli ai termini tal-artikolu 256 tal-Kapitolu 12.

Bil-kuntratt fuq imsemmi l-intimati qua garanti solidali flimkien ma' terzi tas-socjeta debitrici Miveda Company Limited hallsu s-somma ta' Lm53,000 in sodisfazzjon tal-kreditu dovut lil bank liema kreditu gie rikonoxxut mis-socjeta debitrici permezz ta' kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 13 ta' Marzu 2001 atti Nutar Mario Farrugia. Permezz ta' dan il-hlas l-intimati gew surrogati fid-drittijiet li kellu l-bank fil-konfront tas-socjeta debitrici Miveda Company Limited u l-garanti solidali Henri Darmanin u r-rikorrenti.

Fl-istess kuntratt il-bank obbliga ruhu li jcedi l-atti gudizjarji pendenti li skond il-verbal quddiem din il-Qorti tat-22 ta' Frar 2012, il-partijiet qablu li kienu jirreferu ghal proceduri ta' subbasta.

Gie esebit fuq talba tal-Qorti l-kuntratt tal-kostituzzjoni tad-debitu tat-13 ta' Marzu 2001 minn fejn jirrizulta illi l-kumpanija Miveda ikkostitwit ruha bhala debitur, u Henri Darmanin u martu u l-kontendenti qua garanti in solidum mad-debitur, favur il-bank HSBC fis-somma ta' Lm65,424 oltre l-imghaxijiet. Il-bank zamm id-dritt li jistabilixxi modalitajiet ghal hlas soggett ghal kondizzjoni li tapplika

fuq kull kondizzjoni ohra li l-bank jista’ jesigi l-hlas tal-bilanc fuq talba semplici bil-miktub li fiha nfisha tobbliga lid-debituri ghal hlas immedjat.

Kif intqal fil-kawza fl-ismijiet **Doris Conchin vs HSBC Bank Malta plc** (23/11/2011) u ragunijiet hemm maghmula il-kundizzjoni ta’ hlas tal-bilanc kif maghmula fil-kuntratt tal-kostituzzjoni ta’ debitu kwazi identici ghal dak in ezami ma tbiddel xejn minn natura tal-kuntratt u li ghal fini tal-artikolu 253(b) tal-Kap. 12 hu titolu ezekuttiv ghax id-debitu hu cert, likwidu u dovut li jista’ jigi rez ezegwibbli bl-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 256(2) bhal dan il-kaz.

Hu minnu illi l-ittra ufficjali tal-intimat biex irendu t-titolu ezekuttiv, ezegwibbli ssemmi bhala bazi ghaliha l-kuntratt tas-surroga tal-24 ta’ Settembru 2004 pero dan l-istess kuntratt jirreferi specifikament ghal kuntratt tal-2001 minn fejn jorigina t-titolu ezekuttiv u in virtu tieghu sar il-hlas mill-intimati odjerni u gew surrogati fid-drittijiet tal-bank in virtu tal-imsemmi kuntratt tal-2004. Kwindi l-ittra ufficjali hi valida biex tirrendi ezegwibbli l-kuntratt tal-2001 titolu vantat mill-intimati permezz tas-surroga li saret fl-2004.

Ghalhekk dan l-ilment qed jigi michud.

Rigward l-eccessivita tal-ammont ma ngiebet ebda prova mir-rikorrenti f’dawn l-atti li l-ammont mitlub hu eccessiv u ghalhekk ghal finijiet tat-talba ghal revoka tas-subbasta qed jigi michud.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tirrevoka contrario imperio d-digriet ta’ sospensjoni provvizjorja tal-bejgh b’subbasta u tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------